

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri proviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Novembru 2020 – Comune di Stintino vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-174/20) <sup>(1)</sup>*****(“Rikors għal annullament – Ftehim ta’ sussidju konkluż fil-kuntest tal-istrument finanzjarju għall-ambjent (LIFE+) – Nota ta’ debitu – Att li jaqa’ f’kuntest purament kuntrattwali li huwa inseparabbli minnu – Att preparatorju – Inammissibbiltà”)***

(2021/C 28/80)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet****Rikorrent:** Comune di Stintino (l-Italja) (rappreżentant: G. Machiavelli, avukat)**Konvenut:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: N. De Dominicis, aġent)**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-allegata deċiżjoni li tinsab fl-ittra Ares(2020) 734033 tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2020 dwar it-tnaqqis tas-sussidju mogħti lir-rikorrent bħala parti mill-proġett LIFE10 NA-T/IT/244 kif ukoll dwar l-irkupru tal-ammont diġà mħallas b'eċċess, tan-nota ta' debitu Nru 3242002652 tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2020, li permezz tagħha din tal-aħħar talbet lir-rikorrent iħallasha l-ammont ta' EUR 447 078,63, tal-allegata deċiżjoni li tinsab fl-ittra Ares(2019) 6551262 tal-Kummissjoni tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-parti tal-ispejjeż li ma humiex eliġibbli u ta' kwalunkwe att ieħor jew ta' kwalunkwe miżura oħra minn qabel, konsekuttivi jew, fi kwalunkwe każ, marbuta.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Il-Comune di Stintino huwa kkundannat għall-ispejjeż.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 175, 25.5.2020.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Novembru 2020 – PL vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-308/20) <sup>(1)</sup>*****(“Servizz pubbliku – Uffiċjali – Assenjazzjoni mill-ġdid – Deċiżjoni b’effett retroattiv adottata sabiex tiġi eżegwita sentenza tal-Qorti Ġenerali – Artikolu 266 TFUE – Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal – Awtorità kompetenti – Irtirar tal-att ikkontestat – Tmiem tal-iskop tat-tilwima – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)***

(2021/C 28/81)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet****Rikorrent:** PL (rappreżentanti: J.-N. Louis u J. Van Rossum, avukati)**Konvenut:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Brauhoff, I. Melo Sampaio u L. Radu Bouyon, aġenti)